MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2009

Numru. 1114/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR SANDRA ZAMMIT**

**KONTRA**

**PAUL ABELA**
**RENALD BARBARA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Paul Abela ta’ 53 sena, bin Carmel u Helen nee’ Agius, imwieled ir- Rabat, nhar il- 11 ta’ Frar 1956, residenti fil-fond Nru. 33, Galea, Triq Mons. A. Buhagiar, Rabat, u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 113056(M);

U

Renald Barbara ta’ 28 sena, bin Paul u Vincenza nee’ Fenech, imwieled Pieta, nhar il- 25 ta’ Frar 1981, residenti fil- fond Nru. 29, Triq ir- Repubblika, Rabat, u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 129981(M);

Li gew imressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet:

Talli:

1) bejn is- 7 ta’ Gunju 2008 u l- 1 ta’ Lulju 2008, gewwa Ex. Met. Office, San Niklaw, Qrendi ikkommettew serq ta’ trakk tal- ghamla Ford Fun Cargo li jammonta ghal €1.863 liema serq gie kkwalifikat bil- valur, bil- mezz, bix- xorta tal- haga misruqa u bil- lok u li sehh ghad-detriment ta’ Carmelo Aquilina;

2) U aktar talli fl- istess dati u cirkostanzi dahlu gewwa Ex. Met. Office, San Niklaw, Qrendi, fejn mic-cirkostanzi deher li l- hsieb taghhom kien li jikkommettu serq;

3) U lil Paul Abela ID 113056(M) nakkuzah wahdu talli sar recidiv b’sentenza moghtija mill- Qorti tal-Magistrati datata 3 ta’ April 2008, liema sentenza hi definittiva u ma tistax tinbidel;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputati, irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi in vista tal-ammissjoni tal-imputati, il-Qorti sejra ssib htija fihom u tghaddi biex taghti s-sentenza minnufih. L-imputati ghandhom negozju bejniethom li jigbru bicciet ta' makkinarju ghal "scrap", izda l-vettura li huma serqu ma kienetx indikata ghal dak l-iskop u kienet fi proprjeta' privata. Ghalhekk zgur li l-intenzjoni taghhom kienet li jisirqu hwejjeg haddiehor, bl-iskuza li qed jigbru *res derelicta* u mhux proprjeta' ta' terzi.

Kwantu ghall-piena, l-imputat Barbara ghandu wkoll imputazzjoni tar-recidiva, li mil-fedina penali esebita fl-atti turrisultat taht l-Artikolu 49 tal-Kap 9, u allura il-Qorti tista' tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, flimkien ma' ordni ghall-hlas lill-parte civile. Ghaldaqstant il-Qorti sejra taghti piena entro dawn il-parametri.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 269, 271, u 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmija imputati hatja u ghaldaqstant tikkundannahom sena prigunerija sospiza ghal 4 snin ai terminu tal- Artikolu 28 A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Tordna lill- imputati jhallsu disa' mija u hamsin Ewro (€950) kull wiehed lil Marisa Barbara.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------